


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Għajnuna Legali](#) > Croatia

Għajnuna legali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

L-Artikolu 151 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) jiddikjara li l-ispejjeż tal-litigazzjoni jinkludu l-ispejjeż imġarrba matul il-proċedimenti jew li jkunu relatati magħhom. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju, l-ispejjeż għall-kumpilazzjoni ta' xhieda, it-tariffi tal-qorti, l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni, l-ispejjeż għall-allowances ta' kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-imħallfin u tar-reġistraturi tal-qorti, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-partijiet b'rabta mad-dehra tagħhom fil-qorti u spejjeż simili. L-ispejjeż tat-tilwima jinkludu wkoll ir-remunerazzjoni għax-xogħol tal-avukati u ta' persuni oħra li għandhom id-dritt għal remunerazzjoni skont il-liġi.

Skont l-Artikolu 152 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili kull parti għandha tħallas, bil-quddiem, l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-azzjonijiet tagħha. Meta parti tipproponi l-kumpilazzjoni ta' xhieda, hija tkun obbligata, b'digriet tal-qorti, li tħallas, bil-quddiem, l-ammont meħtieġ biex tkopri l-ispejjeż imġarrba relatati mal-kumpilazzjoni ta' xhieda li suċċess fit-tilwima huwa l-prinċipju bażiku meta jiġi deċiż min għandu finalment iġarrab l-ispejjeż tat-tilwima. Għalhekk, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 154 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jiddikjara li parti li tiflew kawża kompletament hija obbligata tħallas l-ispejjeż tal-kontroparti u tal-intervenjent tagħha imġarrba fil-proċedimenti. L-intervenjent li jsostni lill-parti li tiflew il-kawża għandu jħallas l-ispejjeż imġarrba minħabba l-azzjonijiet tiegħu. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 154 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, jekk parti jkollha suċċess parzjali fit-tilwima tagħha, il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rimborż tal-ispejjeż abbażi tal-grad ta' suċċess fit-tilwima b'rabta mat-talba li finalment ġiet ippreżentata. Japplikaw regoli speċjali f'każijiet fejn l-ispejjeż tat-tilwima jiġġarrbu minħabba nuqqas ta' waħda mill-partijiet jew minħabba avveniment li jkun għalha, meta tingħata sentenza abbażi ta' konfessjoni, meta r-rikorrent jirtira l-kawża jew jirrinunzja t-talba, meta t-tilwima tiġi solvuta mill-qorti u meta kolitiganti jipparteċipaw fit-tilwima (l-Artikoli 156-161 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili).

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

Skont l-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas (*Zakon o besplatnoj pravnoj pomoći*), l-għan tal-għajnuna legali huwa li tinkiseb l-ugwaljanza quddiem il-liġi, li ċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja u persuni oħra jingħataw protezzjoni legali effettiva u aċċess għall-qorti u għal korpi pubbliċi oħra taħt kundizzjonijiet ugwali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas.

L-għajnuna legali tingħata bħala għajnuna legali primarja jew sekondarja.

L-għajnuna legali primarja tinkludi:

- l-informazzjoni legali ġenerali
- il-konsulenza legali
- l-abbozzar ta' sottomissjonijiet lill-korpi rregolati mid-dritt pubbliku, lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità mat-trattati internazzjonali u r-regoli dwar l-

operat ta' dawn il-korpi

- ir-rappreżentanza fi proċedimenti quddiem korpi rregolati mid-dritt pubbliku
- l-assistenza legali f'soluzzjoni tat-tilwim bonarja barra mill-qorti.

L-għajnuna legali primarja hija pprovduta mill-korpi amministrattivi tal-kontej u tal-Belt ta' Zagreb (minn hawn 'il quddiem: il-korpi amministrattivi), assoċjazzjonijiet awtorizzati u kliniki legali. Fl-għoti tal-għajnuna legali primarja, il-korpi amministrattivi huma awtorizzati jipprovdu informazzjoni legali ġenerali u konsulenza legali u jagħmlu sottomissjonijiet.

L-għajnuna legali sekondarja tinkludi:

- il-konsulenza legali
- l-abbozzar ta' sottomissjonijiet fi proċedimenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema quddiem min iħaddem
- l-abbozzar ta' sottomissjonijiet fi proċedimenti tal-qorti
- ir-rappreżentanza fi proċedimenti tal-qorti
- l-assistenza legali f'soluzzjoni bonarja ta' tilwima.

L-għajnuna legali sekondarja hija pprovduta mill-avukati.

L-għajnuna legali sekondarja tinkludi wkoll:

- l-eżenzjoni mill-ħlas tal-ispejjeż tat-tilwima
- l-eżenzjoni mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti.

3 Għandi dritt għal għajnuna legali?

Il-persuni li ġejjin huma intitolati għall-għajnuna legali bla ħlas:

- iċ-ċittadini Kroati
- it-tfal li ma għandhomx ċittadinanza Kroata u li jinsabu fir-Repubblika tal-Kroazja mhux akkumpanjati minn adult responsabbli skont il-liġi
- il-barranin b'permess ta' residenza temporanja bil-kundizzjoni ta' reċiproċità jew barranin b'permess ta' residenza permanenti
- il-barranin taħt protezzjoni temporanja;
- il-barranin residenti illegalment u barranin b'permess ta' residenza għal żmien qasir fi proċedimenti għall-għoti ta' deċiżjoni dwar tkeċċija jew deċiżjoni dwar ritorn
- l-applikanti għall-ażil, il-barranin taħt protezzjoni sussidjarja u l-membri tal-familja tagħhom li jirrisjedu legalment fir-Repubblika tal-Kroazja, fi proċedimenti li fihom l-għajnuna legali ma tkunx ipprovduta minn liġi speċifika.

Bħala regola, il-kundizzjonijiet ta' proprjetà li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti sabiex tingħata għajnuna legali sekondarja:

1. l-introjtu totali tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha ma jridx jaqbeż l-ammont tal-bażi baġitarja (€441.44) għal kull membru tal-unità domestika, u
2. il-valur totali tal-proprjetà tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha ma jridx jaqbeż l-ammont ta' 60 bażi baġitarja (€26 486.40).

L-għajnuna legali sekondarja tingħata mingħajr ma tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni finanzjarja jekk ir-rikorrent ikun/tkun:

1. minorenni fil-proċess li jeżerċita jew teżerċita d-dritt għall-manteniment
2. vittma ta' reat vjolenti fi proċedimenti għall-fini tal-eżerċitar tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat mir-reat kriminali
3. persuna intitolata għal allowance ta' appoġġ skont regolamenti speċifiċi li jirregolaw l-eżerċitar tad-drittijiet taħt is-sistema tal-għajnuna soċjali, jew
4. persuna intitolata għall-benefiċċji skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Veterani tal-Gwerra għall-Indipendenza Kroata u l-Membri tal-Familja tagħhom (*Zakon o pravima hrvatskih branitelja iż Domovinskog rata i članova njihovih obitelji*) u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Invalidi Militari u Ċivili tal-Gwerra (*Zakon o zaštiti*

vojnih i civilnih invalida rata).

L-għajnuna legali tista' tingħata wkoll għal tilwim transfruntiera. Tilwima transfruntiera hija tilwima li fiha r-rikorrent għall-għajnuna legali jkollu/jkollha l-indirizz permanenti jew il-post ta' residenza tiegħu/tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, li mhuwiex l-Istat Membru li fih il-qorti tiżvolġi l-attivitajiet tagħha jew li fih għandha tiġi eżegwita s-sentenza.

L-għajnuna legali f'tilwim transfruntiera tingħata f'materji ċivili u kummerċjali u fi proċedimenti ta' medjazzjoni jew soluzzjoni barra mill-qorti, fl-eżekuzzjoni ta' strumenti awtentiċi u fl-għoti ta' konsulenza legali f'tali proċedimenti. Id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna legali f'tilwim transfruntiera ma japplikawx fi proċedimenti tat-taxxa, doganali u proċedimenti amministrattivi oħra.

Rikorrent għall-għajnuna legali f'tilwima transfruntiera jingħata/tingħata għajnuna legali jekk jissodisfa/tissodisfa l-prerekwiżiti stabbiliti mill-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas. B'mod eċċezzjonali, l-għajnuna legali tista' tingħata lil rikorrent li ma jissodisfax/tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali stabbiliti bl-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas jekk juri/turi li ma jistax/tistax iħallas/tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti kaġun id-differenza fl-għoli tal-ħajja bejn l-Istat Membru fejn ikollu/ikollha l-indirizz permanenti jew temporanju tiegħu/tagħha u r-Repubblika tal-Kroazja.

4 L-għajnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

L-għajnuna legali primarja tista' tingħata f'kull materja legali, jekk:

- ir-rikorrent ma jkollux/ma jkollhiex biżżejjed għarfien jew kapaċità biex jasserixxi/tasserixxi d-drittijiet tagħha
- ir-rikorrent ma jkunx ingħata għajnuna legali abbażi ta' regolamenti speċifiċi
- ir-rikors ippreżentat ma jkunx manifestament infondat u
- jekk iċ-ċirkostanzi materjali tar-rikorrent ikunu tali li l-ħlas għall-għajnuna legali professjonali jista' jipperikola l-għajxien tiegħu/tagħha u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha.

L-għajnuna legali sekondarja mogħtija mill-avukati u l-eżenzjoni mill-ħlas tal-ispejjeż tat-tilwima jistgħu jingħataw fit-tipi ta' proċedimenti li ġejjin:

- b'rabta ma' drittijiet *in rem*, ħlief għall-proċeduri tar-reġistrazzjoni tal-artijiet
- b'rabta mal-proċedimenti tal-impjeg
- b'rabta ma' relazzjonijiet familjari, ħlief fi proċedimenti ta' divorzju b'konsens reċiproku li fihom il-konjuġi ma jkollhomx tfal minorenni bejniethom jew adottati jew tfal li fuqhom jeżerċitaw l-awtorità tal-ġenituri wara li jsiru maġġorenni
- proċedimenti ta' eżekuzzjoni u proċedimenti ta' garanzija biex jiġu eżegwiti jew garantiti talbiet li jirriżultaw minn proċedimenti li għalihom tista' tingħata għajnuna legali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas;
- soluzzjoni bonarja tat-tilwima
- b'mod eċċezzjonali, fil-proċedimenti tal-qorti amministrattiva u ċivili l-oħrajn kollha meta din il-ħtieġa tfeġġ miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-ħajja tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha, u f'konformità mal-iskop fundamentali tal-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas.

L-għajnuna legali sekondarja mogħtija mill-avukati tista' tingħata fil-proċedimenti msemmija hawn fuq bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- jekk il-proċedimenti jkunu ta' natura aktar kumplessa
- jekk ir-rikorrent ma jkunx jista' jirrappreżenta lilu nnifsu/ma tkunx tista' tirrappreżenta lilha nnifisha
- jekk iċ-ċirkostanzi materjali tar-rikorrent ikunu tali li l-ħlas għall-għajnuna legali professjonali jista' jipperikola l-għajxien tiegħu/tagħha u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha, f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 14 tal-Att Dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas
- jekk ma jkunx każ ta' litigazzjoni vessatorja
- jekk fl-aħħar 6 xhur minn dak inhar li jiġi ppreżentat ir-rikors, rikors mir-rikorrent ma jkunx ġie miċħud minħabba għoti intenzjonali ta' informazzjoni skorretta, u
- jekk ir-rikorrent ma jkunx ingħata għajnuna legali abbażi ta' regolamenti speċifiċi.

Eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti tista' tingħata fil-proċedimenti kollha tal-qorti (proċedimenti ċivili u tilwim

amministrattiv) jekk iċ-ċirkostanzi materjali tar-rikorrent ikunu tali li l-ħlas tat-tariffi tal-qorti jista' jipperikola l-għajxien tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha, soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 14 tal-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas. Meta tittieħed deċiżjoni, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ammont tat-tariffi tal-qorti fil-proċedura li fiha tintalab eżenzjoni.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Il-korp amministrattiv irid jiddeċiedi dwar ir-rikors għall-approvazzjoni tal-għajnuna legali sekondarja fi żmien 15-il ġurnata mill-jum meta tkun ġiet ippreżentata. Jekk ir-rikorrent jitlef/tilef id-dritt li jieħu/tieħu l-azzjoni li għaliha jkun/tkun issottometta/issottomettiet ir-rikors kaġun li tkun għaddiet l-iskadenza, il-korp amministrattiv irid jiddeċiedi dwar ir-rikors fi żmien iqsar li jippermetti lir-rikorrent jieħu l-azzjoni fil-ħin.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajnuna legali?

Il-proċedura biex tinkiseb l-għajnuna legali primarja tinbeda billi jiġi kkuntattjat direttament il-fornitur tal-għajnuna legali primarja (assoċjazzjoni awtorizzata, klinika legali jew korp amministrattiv) u ma huwiex meħtieġ li timtela formola speċifika għar-rikors.

Il-proċedura biex tinkiseb l-għajnuna legali sekondarja tinbeda billi titressaq talba għall-għoti ta' għajnuna legali fuq il-formola preskritta lill-korp amministrattiv kompetenti. Il-formola tar-rikors għall-għajnuna legali tista' tinkiseb mill-korpi amministrattivi u mis-siti web tal-korpi amministrattivi u tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Rikorsi għall-għajnuna legali f'tilwima transfruntiera u rikorsi għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna legali f'tilwima transfruntiera għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formoli preskritti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/844/KE tad-9 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi formola għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim bejn fruntiera u oħra billi tistabbilixxi regoli komuni minimi li għandhom x'jaqsmu mal-għajnuna legali f'tilwim bħal dawn, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/630/KE tas-26 ta' Awwissu 2005 li tistabbilixxi formola għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formoli u d-dokumenti akkumpanjanti kollha f'tilwima transfruntiera jridu jiġu ppreżentati tradotti bil-Kroat. Jekk le, it-talba tiġi rrifjutata.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajnuna legali?

Meta rikors jiġi ppreżentat lill-korp amministrattiv kompetenti, dan irid ikun akkumpanjat mill-kunsens bil-miktub tal-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha li jippermetti l-aċċess għad-data kollha dwar id-dħul u l-assi totali, fejn ir-rikorrent jikkonferma li l-informazzjoni pprovduta hija preċiża u kompluta.

Il-vittmi ta' vjolenza domestika għandhom jippreżentaw il-kunsens tagħhom biex jippermettu aċċess għad-data kollha dwar id-dħul u l-proprjetà għalihom infushom biss. Il-kunsens ma jiġix ippreżentat minn dawk il-membri tal-unità domestika li jipparteċipaw fil-proċedimenti bħala konvenut jew li l-interess tagħhom imur kontra l-interess tar-rikorrent.

Il-formola tar-rikors għal għajnuna legali f'tilwima transfruntiera għandha tkun akkumpanjata mid-dokumentazzjoni rilevanti meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors.

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajnuna legali?

Il-proċedura biex tinkiseb għajnuna legali primarja tinbeda billi tikkuntattja direttament lil min jipprovdwi għajnuna legali primarja (assoċjazzjoni awtorizzata, klinika legali jew korp amministrattiv), u ma hemmx bżonn li tippreżenta rikors speċifiku, filwaqt li l-proċedura biex tinkiseb għajnuna legali sekondarja tinbeda billi tissottometti rikors lill-korp amministrattiv kompetenti fit-territorju fejn ir-rikorrent ikollu/ikollha l-indirizz permanenti jew il-post ta' residenza tiegħu/tagħha.

Rikorrent li jkollu/jkollha l-indirizz permanenti jew il-post ta' residenza tiegħu/tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u jeħtiegħ għajnuna legali f'tilwima transfruntiera quddiem qorti fir-Repubblika tal-Kroazja jrid jippreżenta rikors għal għajnuna legali lill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika tar-Repubblika tal-Kroazja (l-awtorità li tirċievi).

Parti li jkollha l-indirizz permanenti jew il-post ta' residenza tagħha fir-Repubblika tal-Kroazja u tfittex għajnuna legali f'tilwima transfruntiera quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea trid tippreżenta r-rikors tagħha lill-uffiċċju responsabbli għall-indirizz permanenti jew il-post ta' residenza tagħha.

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajnuna legali?

Għajnuna legali sekondarja tingħata lil rikorrent li jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tad-dritt għall-għajnuna legali billi tinħareġ deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna legali. Korp amministrattiv irid jiddeċiedi dwar rikors fi żmien 15-il jum mid-data li fiha jkun ġie ppreżentat.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Id-deċiżjoni dwar l-għajnuna legali tinkludi d-dritt li jintużaw xi wħud mill-forom jew il-forom kollha ta' għajnuna legali sekondarja għal proċedura ta' ċertu tip u grad. Id-deċiżjoni msemija hawn fuq tinkludi d-data personali tal-benefiċjarju tal-għajnuna legali, deskrezzjoni qasira tal-materja legali li għaliha ngħatat l-għajnuna legali, il-forma u l-ambitu tal-għajnuna legali approvata, informazzjoni dwar l-avukat li se jipprovi l-għajnuna legali u informazzjoni oħra rilevanti għad-deċiżjoni.

Meta r-rikorrent jippreżenta/tippreżenta applikazzjoni għal għajnuna legali fil-forma ta' eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti, huwa/hija għandu/għandha jinforma/tinforma lill-qorti fis-sottomissjoni, jew meta jieħu azzjoni oħra fil-proċedimenti tal-qorti, dwar ir-rikors tiegħu/tagħha għal eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti, u għandu/għandha jissottometti/tissottometti d-deċiżjoni li teżentah(a) mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti sa mhux aktar tard minn 6 xhur mid-data li fih tkun ġiet ippreżentata s-sottomissjoni jew mid-data meta tittieħed azzjoni oħra fil-proċedimenti quddiem il-qorti.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

Id-deċiżjoni li tagħti l-għajnuna legali sekondarja tiddetermina wkoll l-avukat li għandu jipprovi l-għajnuna legali lill-benefiċjarju. Il-benefiċjarju tal-għajnuna legali għandu jippreżenta d-deċiżjoni lill-avukat indikat fid-deċiżjoni. F'każijiet eċċezzjonali, il-korp amministrattiv jaħtar avukat ieħor għall-benefiċjarju bil-kunsens tiegħu/tagħha minn qabel meħmuż mar-rikors għall-għajnuna legali.

12 L-għajnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Kif intqal hawn fuq, id-deċiżjoni li tagħti l-għajnuna legali tinkludi d-dritt li jintużaw xi wħud mill-forom jew il-forom kollha ta' għajnuna legali sekondarja għal proċedura ta' ċertu tip u grad. Skont id-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna legali, il-benefiċjarju jista' jkun totalment jew parzjalment eżentat milli jħallas it-tariffi tal-avukat, l-ispejjeż tat-tilwima (eżenzjoni mill-ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż tax-xhieda, l-interpreti, l-esperti, l-investigazzjonijiet u l-pubblikazzjonijiet tal-qorti) u t-tariffi tal-qorti.

L-għajnuna legali tingħata kollha kemm hi jekk ir-rikorrent ikun benefiċjarju ta' allowance ta' appoġġ skont regolamenti speċifiċi li jirregolaw l-eżerċitar tad-drittijiet taħt is-sistema tal-għajnuna soċjali, jiġifieri d-dritt ta' benefiċċji skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Veterani tal-Gwerra għall-Indipendenza Kroata u l-Membri tal-Familja tagħhom u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Invalidi Militari u Ċivili tal-gwerra, jew jekk l-introjt totali tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha ma jaqbiż il-50 % tal-ammont ta' kull xahar tal-bażi baġitarja għal kull membru tal-unità domestika.

Kull żieda fl-introjt totali tar-rikorrent u tal-membri tal-unità domestika tiegħu/tagħha li taqbeż 50 % tal-bażi baġitarja għal kull membru tal-unità domestika tirriżulta fi tnaqqis fl-ammont ta' għajnuna legali, b'tali mod li kull żieda ta' 10 % tirriżulta fi tnaqqis ta' 10 % fl-għajnuna legali iżda l-ammont tal-għajnuna legali ma għandux ikun inqas minn 50 % tal-ispejjeż determinati għall-għajnuna legali.

Jekk l-għajnuna legali ma tkunx ingħatat kollha, ir-rikorrent jista'/tista' jressaq appell quddiem il-Ministeru għall-

Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika kontra l-parti tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti tal-għajnuna legali. Dan l-appell ma jdedwimx l-użu tal-ammont approvat ta' għajnuna legali. Jistgħu jinbdew proċedimenti amministrattivi kontra d-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika li tiċħad l-appell.

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajnuna legali limitata?

Meta jkun ingħata ammont imnaqqas ta' għajnuna legali, il-bqija tal-ispejjeż jitħallsu mill-benefiċjarju tal-għajnuna legali. Fi kwalunkwe każ, jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna legali jirbaħ il-kawża, il-qorti tiddeċiedi li dik il-parti għandha tiġi rimborżata għall-ispejjeż tal-proċedimenti mill-parti l-oħra.

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Rikors għall-għajnuna legali jista' jitlob l-għoti ta' għajnuna legali għaż-żewġ stadji tal-proċedimenti ċivili. Sabiex jitħejjew rimedji legali straordinarji, jeħtieġ li jiġi ppreżentat rikors speċjali, u tinħareġ deċiżjoni speċifika għal dik l-azzjoni legali biss.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Jekk matul il-proċedimenti s-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju tal-għajnuna legali u l-membri tal-unità domestika tiegħu titjeb sal-punt fejn, li kieku din is-sitwazzjoni finanzjarja mtejba kienet teżisti fiż-żmien tar-rikors din kienet taffettwa d-dritt tar-rikorrent għall-għajnuna legali u l-ambitu tal-għajnuna legali, il-korp amministrattiv kompetenti jirrevoka kompletament jew parzjalment id-deċiżjoni dwar l-għajnuna legali. Il-benefiċjarji tal-għajnuna legali jridu jinfurmaw lill-korp amministrattiv dwar kull titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom fi żmien 8 ijiem mill-jum li fih ikunu saru jafu b'dan. Benefiċjarju tal-għajnuna legali jista' jressaq appell quddiem il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika kontra d-deċiżjoni li tirrevoka d-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna legali fi żmien 15-il jum mid-data meta jirċievi d-deċiżjoni. Jistgħu jinbdew proċedimenti amministrattivi kontra d-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Ir-rikorrent jew il-benefiċjarju tal-għajnuna legali jista' jressaq appell kontra d-deċiżjoni tal-korp amministrattiv li tiċħad ir-rikors għall-għajnuna legali jew kontra l-parti tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti tal-għajnuna legali sħiħa fi żmien 15-il jum mid-data meta jirċievi d-deċiżjoni. Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika jrid jiddeċiedi dwar appell fi żmien 8 ijiem mid-data tal-wasla ta' appell validu. Jistgħu jinbdew proċedimenti amministrattivi kontra d-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Pubblika.

Informazzjoni ulterjuri:

Is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Amministrazzjoni Pubblika u t-Trasformazzjoni Diġitali:

<https://pravosudje.gov.hr/besplatna-pravna-pomoc/6184>

L-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas (*Narodne novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 143/13 u 98/19)

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili (NN Nri 53/91, 91/92, 58/93, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 02/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 148/11- test konsolidat, 25/13, 89/14, 70/19, 80/22, 114/22 u 155/23).

17 It-talba għal għajnuna legali għandha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni?

Skont l-Att dwar l-Għajnuna Legali Bla Ħlas, il-preżentazzjoni ta' rikors għall-għajnuna legali bla ħlas ma għandhiex l-effett li tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

L-aħħar aġġornament: 25/02/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.